Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11125 – NETCEED (FORMERLY ETC GROUP) / AMADYS)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 215/05)

1. Fit-13 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Parisian Bidco SAS ("Netceed", Franza), li qabel kienet magħrufa bħala ETC Group, ikkontrollata minn Cinven Capital Management (VII) General Partner Limited ("Cinven", Guernsey),

— Amadys Group BV ("Amadys", il-Belġju).

Netceed se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Amadys.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Netceed: fornitur ta' prodotti tat-telekomunikazzjonijiet, b'mod partikolari cables, aċċessorji u tagħmir ieħor bħal tagħmir passiv u prodotti ottiċi, u servizzi lil operaturi tat-telekomunikazzjonijiet u installaturi tan-networks tat-telekomunikazzjonijiet,

— Amadys: fornitur ta' tagħmir passiv, bħal cables, konnetturi u għodod oħra, lill-operaturi tat-telekomunikazzjonijiet u lill-installaturi tan-network, kif ukoll forniturifis-settur tal-enerġija.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11125 – NETCEED (FORMERLY ETC GROUP) / AMADYS

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").